**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Alexey Eremichev**
**Roman Shirinyan**

**Kumpilazzjoni numru 358/2019**

**Illum 12 ta' Awissu 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Alexey Eremichev,** bin Valentin Eremichev u Valentina Eremicheva xebba Dorokhina, imwieled Moska nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru tal-elf disa' mija u tmenin (1980) u residenti numru wiehed (1), Blokk Tnejn (2), Apartament tlett mija u sebgha u ghoxrin (327) Vostriakovsky Street, Moska, detentur tal-passaport Russu bin-numru 710822533 u kontra **Roman Shirinyan,** bin Galust u Valentina xebba Hohlova, imwieled Moska nhar is-sebgha (7) ta' Lulju tal-elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) u residenti numru tlettax

(13), Kedrova Street, Moska detentur tal-passaport Russu bin-numru 72 0831670 fejn huma ġew akkuzati talli:

1. f'dawn il-Gzejjer, fit-12 ta' Gunju 2019, ghall-habta tal-10:10 am gewwa Lombard Bank Malta p.l.c sitwat fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi nstabu fil-pussess ta' jew kellhom taht il-kontroll taghhom xi oggett ghall-uzu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma xi frodi.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' sejbien ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkolhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew ta' periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz wkoll ix-xhieda li gew prodotti u d-dokumenti esebiti.

Rat illi l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Fol. 9 u 11).

Semghet lill-imputat Alexey Eremichev jixhed b'mod volontarju tramite l-interpretru nominat mill-Qorti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentata fl-24 ta' Lulju 2019 (*a fol.* 186 et *seq*.) u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputati Alexey Eremichev u Roman Shirinyan prezentata fit-2 ta' Awwissu 2019 (*a fol.*191 et *seq*.).

Ikkunsidrat:

**Rijassunt tax-Xhieda:**

**L-Ispettur Christabelle Chetcuti** (Fol. 33 *et seq*) xehdet li nhar it-tnax (12) ta' Gunju 2019 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu (11.00hrs) giet infurmata li l-Pulizija kienu marru l-Lombard Bank li jinsab fi Triq ir-Repubblika, il-Belt wara li kien dahal rapport li zewg Russi kienu ppruvaw isarrfu 1.5 miljun Dollaru b'dokumenti falsifikati. Il-barranin kienu gew arrestati u skortati lejn id-Depot tal-Pulizija. Iz-zewg Russi gew identifikati bhala Alexey Eremichev u Roman Shirinyan u l-Ispettur gharfet liz-zewg imputati fl-awla. L-Ispettur esebiet wkoll erba' *bearer bonds certificates*, li l-Ispettur iddikjarat li kienu kollha l-istess. Il-firma fuq l-istess dokumenti kienet tidher l-istess pero' d-daqqa kienet differenti.

Ix-xhud hadet il-verzjoni ta' Lawrence Pace, manager tal-Lombard Bank, li spjegalha li dawn il-*bearer bonds* kienu ilhom li inqatghu aktar minn tletin sena. Il-Bank qatt ma kien uza dak it-tip ta' format ghal dawn il-

bonds u fuqhom kien hemm logo tal-bank li kien pjuttost modern. Pace kompla jghid lill-Ispettur li l-imputati kienu marru l-bank biex isarrfu l-bearer bonds u l-istess imputati ma kinux tawhom dokument ta' identifikazzjoni. Sadanittant Pace mar ikellem lis-CEO tal-Bank Joseph Said u ndunaw li din kienet xi scam u li ma kienx jaghmel sens li l-istess bonds ikollhom l-istess numru ta' riferenza. Pace ikkonferma mal-Ispettur li l-bond certificates ma kienx harighom il-bank.

L-Ispettur kompliet tispjega li hija hadet il-verzjoni ta' Alexey Eremichev fejn qalilha li huwa kien nizel Malta specifikament biex jaghmel verifiki dwar dawn id-dokumenti. Dan wara li kien avvicinah it-tifel ta' habib tieghu. Qabel nizel Malta, Eremichev kien kellem lill-habib tieghu Roman Shirinyan peress li t-tfajla tieghu li jisimha Yana kienet tahdem f'bank. Din Yana kienet baghtet e mails lil-Lombard Bank tistaqsi dwar dawn il-bearer bonds u x'inhi l-procedura biex jigu imsarrfin. Alexey spjegalhom li huma ma rcievew l-ebda risposta mill-Bank u lanqas ma rnexxielhom jaghmlu kuntatt telefoniku mal-Bank. Wara diversi tentattivi kien irnexxielhom jaghmlu kuntatt mal-Bank bit-telefon u min kellimhom qalilhom biex jghaddu kopja tad-dokument fuq l-e mail privata tieghu. Yana ma accettatx li taghmel dan u ghalhekk baghtet e mail fuq l-e mail ufficjali tal-bank. Meta raw li ma rcivew xejn mill-Bank, Alexey qalilha li kienu iddecidew li jigu Malta biex imorru direttament il-Bank huma personali biex jaraw jekk dawn id-dokumenti kinux tajbin jew le. Mill-verifiki li ghamlu l-Pulizija rrizulta wkoll li l-e mails kienu verament intbaghtu lill-Bank inkluz wkoll kopja tal-bearer bond certificate kif wkoll kienu saru diversi telefonati bil-prefiss mir-Russja lill-Bank fil-granet indikati mill-imputat. Bejn dak li qalu l-imputati u dak li irrizulta mil-

call logs tal-Bank u anke e mails, kollox qabel. L-unika haga kienet li mill-logs tal-Bank ma jidhirx li kien hemm xi hadd mill-Bank li tkellem ma' xi hadd mir-Russja.

**<u>In kontro-ezami</u>**, l-Ispettur Chetcuti qalet li hekk kif rat il-*bearer bond certificates*, ghajnha mill-ewwel ghokritha peress li kellhom l-istess codes. Ikkonfermat wkoll li kienet tistona li kien hemm riferenza ghad-dollars minghajr ma kien hemm l-ebda indikazzjoni tal-pajjiz partikolari. Mistoqsija wkoll min kien gie indikat lilha li tkellem il-Bank, l-Ispettur wiegbet li kien Alexey li tkellem. L-Ingliz tieghu pero' ma kienx Ingliz u fil-fatt kellhom bzonn interpretru biex l-Ispettur tkellem lil Alexey.

**<u>Dr Jeremy Muscat</u>** (Fol. 86 et seq) xehed limitatament fuq il-ftehim ta' kera li gie konkluz bejn l-imputati u Diamond Estates in vista tat-talba tal-imputati ghall-helsien taghhom mill-arrest.

**<u>Lawrence Pace</u>** (Fol. 92 et seq) xehed li kien ilu jahdem bhala Bankier mill-1975. Huwa spjega li tnejn min-nies kienu marru l-Bank *b'bearer bond certificates*. Qal li kien beda jkellmu l-imputat Alexey Eremichev. Ix-xhud talbu l-bond certificates u mar bihom fejn ic-CEO tal-Bank Joseph Said u dan mill-ewwel qallu li ma kinux validi. Pace rega' nizel isfel u talab lil Eremichev dokument ta' identifikazzjoni izda dan wiegbu li ma kellux. Ix-xhud qal li hekk kif ra d-dokument mill-ewwel ghajnu ghokritu minnu. Dan ghaliex il-bearer kien ilu hafna nieqes mis-suq, ic-certifikat kellu aktar minn ghoxrin sena, kellu logo tal-bank li kien ricenti hafna u l-firma fuq id-dokument ma kinitx tintgharaf. Spjega wkoll li bearer bond certificate jista' jintuza bhala hlas. Pero' jekk wiehed jigi prezentat

b'bearer bond certificate ta' miljun u nofs dollaru u ma jaghmilx il-verifiki tieghu dwar jekk hux validu jew le, ikun injorant. Ix-xhud ikkonferma wkoll li hekk kif imbaghad waslu l-Pulizija l-Bank wara li kienu gew imsejhin mill-Bank stess, Alexey hareg id-dokument ta' identifikazzjoni tieghu. Ix-xhud kompla jghid li ma' Alexey kien hemm persuna ohra li x-xhud gharaf bhala l-imputat l-iehor prezenti fl-awla.

Mistoqsi dwar l-e mails li kienu intbaghtu l-Bank qal li huwa ma jwegibx e mails ta' dak it-tip, anke ghaliex b'dawk it-tip ta' e mails jista' jkun il-kaz li xi hadd jkun qieghed jipprova jidhol fis-sistema tal-Bank. Apparti minn hekk meta raw it-title bearer cerificate, aktar u aktar ma rrispondewx ghaliex bhala bearer il-Lombard qatt ma hareg minnhom. B'riferenza ghat-telefonati x-xhud qal li dawn saru f'festa pubblika u allura mill-Bank hadd ma kien irrisponda. Pero' imbaghad kienet saret telefonata f'gurnata ohra u din giet imwiegba.

**<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud indika li peress li hemm diversi pajjizi li juzaw id-dollari, wiehed ried jindika d-dollaru ta' liema pajjiz kien. Fil-kaz in ezami is-simbolu li kien hemm kien assocjat mad-Dollari Amerikani. Ix-xhud ikkonferma wkoll li normalment ma jkunx hemm zbalji tal-Ingliz meta jinhargu certifikati ta' dak it-tip. Ix-xhud kompla jghid wkoll li meta l-imputati kienu marru l-Bank u l-haddiema tal-Bank irriferewhom ghalihom, Alexey kien kellmu u qallu li ried issarfu. Huwa talbu d-dokument u kif rah ghajnu ghokritu mill-ewwel.

**<u>Ryan Caruana</u>** (Fol. 123 et seq) l-espert nominat mill-Qorti xehed li huwa kien gie inkarigat jezamina d-dokumenti li gew elevati minghand l-

imputati u sabiex jistabilixxi l-fatturi ta' sigurta taghhom. Ix-xhud spjega kif l-erba' dokumenti kellhom l-istess serial number u kellhom titolu *"Bonds are issuing securities to the bearer"*. Kellhom wkoll il-figura ta' miljun u hames mitt elf Dollaru Amerikan. Kellhom wkoll logo li kien jixbah hafna lil dak tal-Lombard Bank. L-espert ikkonkluda li dawn id-dokumenti ma kellhom l-ebda fattur ta' sigurta, la fil-karta u lanqas fil-linka li intuzat. Ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jghid jekk dawn id-dokumenti humiex foloz jew le fis-sens li jekk huma foloz ikun hemm xbieha diga taghhom il-Lombard Bank u allura d-dokument irid ikun diga' jezisti. Jekk id-dokument ma jezistix, allura huwa ivvintat. Ix-xhud kompla jghid wkoll li l-Bank zgur li kien sejjer jinduna li d-dokument ma kienx wiehed awtentiku ghaliex il-bank jkun konxju tal-fatturi ta' sigurta u l-impjegati tieghu jkunu imharrga biex jidentifikaw dawn it-tip ta' dokumenti.

**In kontro-ezami**, ix-xhud indika li huwa ma dahalx fl-izbalji grammatikali li kien hemm. Pero qal li jifhem li persuna li tohrog dawk it-tip ta' strumenti tkun taf bizzejjed Ingliz biex tohrog dawn it-tip ta' dokumenti. Ix-xhud ikkonferma wkoll li huwa ma kien tkellem minn hadd mil-Lombard Bank u ma kien talabhom l-ebda dokument biex iqabbel. Kompla jghid wkoll li hekk kif gew id-dokumenti f'idejh mill-ewwel induna li kien fihom xi haga stramba.

**Joseph Said** (Fol. 144 *et seq*) tal-process xehed li fit-12 ta' Gunju 2019 waqt li kien qieghed il-Bank kien avvicinah il-manager Lawrene Pace li kienu marru tnejn barranin biex isarrfu *bearer certificate*. Said talab id-dokument biex jarah. Huwa imbaghad mar ikellem lil dawn il-barranin li qalulu li

riedu jsarrfuh.  Ix-xhud gharaf lil dawn iz-zewg barranin bhala l-imputati prezenti fl-awla.

**<u>In kontro-ezami</u>**, ix-xhud indika li Alexey Emerichev kien qallu li ried isarrfu.  Hekk kif ra d-dokument ix-xhud mill-ewwel ghokritu ghajnu dwar il-validita tieghu u kien ghalhekk li huwa involva lill-Pulizija.  Ikkonferma wkoll li l-logo ilu ghaxar (10) snin u li l-Lombard qatt ma kien hareg dawk it-tip ta' certifikati.  Ix-xhud qal li kien ilu ghoxrin (20) sena fil-bank u li sakemm kien hemm hu, qatt ma kienu hargu bearer certificates.  Qabel ma kien hemm hu, setghu hargu bearer cerificates pero dawn zgur li kienu bil-liri Maltin.  Temm jghid li certifikati ta' dan it-tip ikollhom wkoll numru uniku.

**<u>Eugenio Farrugia</u>** (Fol. 155 et seq) xehed li huwa kien ipprepara dokument fejn fih indika l-informazzjoni kollha dwar kif kien sehh il-kaz.  Huwa gharaf id-dokument preparat minnu a fol. 72.  Huwa qal li l-informazzjoni kollha giet kompilata minnu abbazi tal-informazzjoni li kien ghaddielu Lawrence Pace kif wkoll abbazi ta' ricerka li ghamel hu dwar e mails li kienu inbaghtu lill-bank.

**<u>PS 710 Stephen Gulia</u>** (Fol. 158 et seq) xehed li fit-12 ta' Gunju 2019 il-Pulizija tal-Belt kienu gew infurmati li kienu ghadhom kemm marru zewg Russi fil-Lombard Bank u dawn ipprezentaw lill-Bank dokumenti li ma kinux awtentici.  Hu esegwixxa l-arrest ta' dawn ir-Russi u dawn ġew mehuda l-lock-up tad-Depot.  Ix-xhud gharaf liz-zewg imputati fl-awla bhala z-zewg persuni li gew arrestati mill-Bank.  Ix-xhud kompla jghid li l-imputati kellhom b'kollox erba' certifikati: wiehed li kien gie muri lil-

Bank u li kienu lahqu ipprezentaw u tlieta ohra bhalhom ezatt fuq il-persuna taghhom. B'kollox il-valur ta' dawn id-dokumenti kien jammonta ghal sitt miljuni.

**__In kontro-ezami__**, ix-xhud qal li meta talabhom ghad-dokumenti ta' identifikazzjoni, dawn tawhomlu. It-tlett certifikati l-ohra sabhom wara tiftix li ghamel. L-imputati fl-beda hin ma waqfuh milli jfittex. Sabha wkoll difficli biex izomm konversazzjoni maghhom. Wiehed minnhom Roman Shirinyan ma kien jitkellem xejn Ingliz. L-imputat l-iehor kien jaf ftit Ingliz. Pero l-komunikazzjoni kienet problema. Ix-xhud ma ftakarx jekk l-imputat li kien tkellem mieghu kienx qallu jekk kienx mar il-bank biex issarraf id-dokumenti jew inkella biex jiccekkja jekk dawn id-dokumenti jistghux jissarrfu.

**__L-Ispettur Claire Borg__** (Fol. 163 et seq) xehdet li hija kienet hadet stqarrija ta' Roman Shirinyan bl-ghajnuna ta' interpretu. Fl-istqarrija tieghu Shirinyan spjega li huwa kien gie Malta flimkien ma' siehbu Alexey peress li dan ried jiccekkja xi dokumenti. Dawn id-dokumenti kien tahomlu wiehed Veniamin biex jiccekkja jekk tali dokumenti kinux validi jew le. Kompla jghid li qabel ma gew Mala l-gharusa tieghu Yana kienet ghamlt kuntatt mal-Bank biex tara jekk id-dokumenti kinux genwini. Hija kienet ippruvat iccempel mill-mobile tieghu. Kienet ghamlet kuntatt mal-Bank u qalulha biex tibghat e mail. Pero ma rceviet l-ebda risposta. Eventwalment hu kien akkumpanja Malta lil Alexey biex dan jaghmel il-verifiki biex jara jekk kinux validi.

L-imputat **<u>Alexey Eremichev</u>** (Fol. 167 et seq) spjega li huwa kien avvicinah certu wiehed Vinyamin ghax kien wiret lill-missieru. Huwa kien sab xi dokumenti relatati ma' Bank Malti u ried ghajnuna biex jivverifika jekk kinux validi jew le. Kompla jghid li fir-Russja huma kienu kellmu lil certu Yana li tahdem f'Bank biex ticcekkja jekk dawn id-dokumenti kinux validi jew le. Yana ppruvat iccempel il-Bank pero ma beda jwiegeb hadd. Meta rat li ma kien wegibha hadd kienet anke baghtet e mail. F'punt minnhom Yana rnexxielha taghmel kuntatt mal-Bank u min kellimha qalilha li ma setax jaghtiha informazzjoni bit-telefon. Yana kienet qaltlu li kienet baghtet e mail. Pero hu wegibha li ma kellux access ghal dak l-e mail address. Talabha biex tibghatlu d-dokument fuq l-e mail personali tieghu pero Yana ma accettatx li taghmel dan. Hija baghtet biss kopja fuq l-e mail ufficjali tal-Bank. Peress li huma ma kinux rcivew risposta mill-Bank, iddecidew li jigu Malta. Huma kienu gew f'gurnata fejn fir-Russja kienet btala.

Meta marru l-Bank, Alexey spjega li l-ewwel kellem lil wiehed ufficjal tas-sigurta. Huwa gie riferut ghall-persuna ohra u l-imputat spjegalu ghalfejn kien mar il-Bank. Wara dan persuna nizlet mit-tarag u talbitu c-certifikat biex jarah. Dan hadu mieghu u rega' tela fis-sular ta' fuq. Mistoqsi ghalfejn ma kienx ta dokument ta' identifikazzjoni lill-ufficjal tal-Bank, ix-xhud wiegeb li l-Ingliz tieghu ma kienx tajjeb. Ikkonferma li dan l-ufficjal kien saqsieh ghal xi dokument izda huwa kien fehem li ried aktar dokumenti b'rabta mac-certifikati li kellu, liema dokumenti huwa ma kellux. Alexey kompla jghid li mal-Bank huwa ried jikkonferma biss jekk id-dokumenti li kienu gew mghoddija lilu kien validi jew le u jekk

kienu validi x'kien il-process sabiex jissarrfu. Huwa qal li ma kienx sejjer isarrafhom ghaliex il-propjetarju taghhom ma qallux biex issarrafhom.

**In kontro-ezami** ix-xhud qal li meta jmur f'Bank fir-Russja mhux dejjem jigi mitlub dokument ta' identifikazzjoni. Jiddependi x'ikun l-iskop ghalfejn ikun mar il-Bank. L-imputat cahad li huwa kien rrifjuta li jaghti dokument ta' identifikazzjoni lill-ufficjali tal-Bank. Lill-Pulizija kien ghaddhielhom il-passaport ghax dawn saqsewh ghall-passaport dirett u huwa ghaddihulhom. Qal wkoll li l-Ingliz tieghu ma tantx huwa tajjeb. Rega' sostna li huwa ried jivverifika jekk id-dokumenti kinux validi u li fl-ebda hin ma ried issarraf id-dokumenti. Mistoqsi jekk fl-e mails li kienet baghtat Yana kinitx talbet il-Bank biex dawn jissarrfu, ix-xhud wiegeb li seta' kien possibbli li hija talbet hekk. Ix-xhud qal wkoll li huwa kien gie imwieghed kumpens talli kien gie jaghmel dawn il-verifiki. Il-kumpens pero ma kienx relatat mal-fatt jekk jirnexxilux issarrafhom. Il-kumpens kien li siehbu kellu jidhol shab mieghu fin-negozju tal-fish farming.

**KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI**

Kif din il-Qorti kellha opportunita li tosserva f'diversi pronuncjamenti taghha, huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs**

**Peter Ebejer**,[1] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni **hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju** (Enfazi ta' din il-Qorti) Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Il-Qorti tal-Appell ghamlet riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension:** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*[2]

KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET

**L-Ewwel Imputazzjoni**
**Uzu minn Att, Kitba jew Skrittura Falza**

L-ewwel imputazzjoni li qieghda tigi addebitata lill-imputati hija li huma *"xjentement għamlu użu minn att, kitba jew skrittura falza"*. Dan ir-reat huwa indipendenti mir-reat ta' falsifikazzjoni fis-sens li l-legislatur qieghed

[1] Deciza fil-5 ta' Dicembru 1997
[2] 1974 - ALL Er 372

jattribwixxi responsabbilita kriminali ghal dik il-persuna li tkun ghamlet uzu mill-iskrittura falza u li mhux necessarjament tkun ippartecipat fil-process propju tal-falsifikazzjoni.

Kif sewwasew irriteniet id-difiza fin-nota ta' sottomissjoni taghha, mhux bizzejjed li jigi ippruvat li d-dokument in kwisjtoni kien falz. Jehtieg li issir il-prova wkoll li effettivament sar uzu minn dan id-dokument u li l-imputat għamel uzu minn dan l-istess dokument meta kien konxju li l-istess dokument kien wiehed falz.

Ir-reat kontemplat fl-artikolu 184 tal-Kodici Penali taghna huwa simili hafna ghall-artikolu 489 kontemplat fil-Kodici Penali Taljan. Dan l-artikolu jistabilixxi li: *"Chiunquem senza essere concorso nella falsita, fa uso di un atto falso soggiace alle pene stabilite negli articoli precedenti, ridotte di un terzo."* B'riferenza ghall-element intenzjonali tar-reat, L. Ciafardini et fil-kummentarju tieghu ghall-istess artikolu jghid: *"Per la natura dolosa del delitto, si esclude l'elemento soggettivo in caso di ignoranza della falsita."*[3]

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda esitazzjoni biex tiddikjara li mhix sodisfatta sal-grad li trid il-ligi penali li l-imputati **xjentement** ghamlu uzu minn att falz. Dan qieghed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Jibda biex jinghad li qabel xejn kien hemm diversi tentattivi da parti tal-imputati biex huma jippruvaw jikkomunikaw mal-Bank biex jiccekkjaw fuq dawn il-*bearer certificates*. Dan irrizulta kemm mid-

[3] Ciafardini L. Et *Codice Penala – Annotato con Dottrina e Giurisprudenza*, Gruppe Editoriale Esselibri, VI Edizione (2012), pagna 489.

deposizzjoni tal-Ispettur Christabelle Chetcuti kif wkoll mill-ufficjali tal-Lombard Bank li xehdu f'dawn il-proceduri. L-Ispettur Chetcuti kienet cara fid-deposizzjoni taghha: l-informazzjoni kollha li giet mghoddija lilha mill-imputati waqt li dawn kienu qeghdin jaghtu l-istqarrija taghhom, irrizultat li kienet minnha u li din giet verifikata minn sorsi ohra.[4]

Infatti irrizulta li qabel mal-imputati gew Malta, kienu intbaghtu kemm -il e mail kif wkoll scan tal-istess bearer certificate biex l-imputati jottjenu informazzjoni fuqhom u anke dwar il-proceduri biex dawn jissarfu. L-imputati kienu cari f'dak li kienu qeghdin jitolbu fl-e mails: riedu direzzjoni dwar ma' min kellhom jitkellmu fuq dawn id-dokumenti biex eventwalment jkunu jistghu jissarrfu. Sahansitra irrizulta wkoll li kienu saru telefonati mir-Russja, b'telefonata minnhom tidher wkoll li kienet imwiegba min-naha tal-Bank. Pero lanqas dawn it-telefonati ma taw ezitu pozittiv. Kien propju ghaliex dawn il-kuntatti ma waslu ghall-imkien li l-imputati kienu gew Malta apposta biex jottjenu informazzjoni diretta mill-Bank. Infatti x-xhud Lawrence Pace, bankier mal-istess Bank ikkonferma li dawn l-e mails ma kinux gew imwiegba peress li ghall-ewwel hasbuhom li kienu xi scam. Dawn l-e mails irrizulta wkoll li kienu intbaghtu minn process ta' tiftix li kien ghamel l-impjegat tal-Bank Eugenio Farrugia.[5] Li kieku verament l-imputati kienu konxji tal-falsita tal-istess dokumenti ma kinux sejrin jiehdu l-isbriga li joqoghdu jippruvaw jaghmlu kuntatt mal-Bank biex

[4] Fol. 49 tal-process.
[5] Fol. 157 tal-process.

jiccekkjaw fuq il-validita tad-dokumenti. Kienu jaqbdu u jigu Malta mill-ewwel u jippruvaw li huma jsarrfu mill-ewwel dawn id-dokumenti.

(b) L-imputati fl-istqarrija li huma taw lill-Pulizija kif wkoll fix-xhieda li ta Alexey Eremichev dejjem sostnew li huma riedu jivverifikaw il-validita tal-*bearer certificates* li kienu gew mghoddija lilhom. Ikkonfermaw wkoll – u dak li qallu irrizulta ampjament korraborat – li huma kienu ghamlu diversi tentattivi sabiex jottjenu informazzjoni mill-Bank. Din kienet irrizultat fin-negattiv u kien ghalhekk li huma kienu gew Malta. Infatti l-mawra taghhom lejn Malta tista' tghid li ma kinitx pjanata. Kienu qabdu u ibbukkjaw il-flight u gew Malta. La kienu ibbukkjaw il-lukanda u lanqas ma kienu ibbukkjaw biljett lura peress li ma kinux jafu kemm kienu sejrin jdumu Malta biex jaghmlu l-verifiki. Il-verzjoni taghhom kienet wahda konsistenti u din il-Qorti ma ssibx x'ticcensura fil-verzjoni taghhom u dan fid-dawl tal-provi kollha li gew prodotti f'dan il-kaz;

(c) Il-fatt li wiehed jipprova jottjeni informazzjoni fuq dokument ma jistax jitqies li jammonta ghall-uzu ta' dak id-dokument. L-istorja kienet tkun kompletament differenti li kieku l-imputati minghajr ma talbu l-ebda verifiki marru direttament ghand il-kaxxier tal-Bank u ippruvaw li b'xi mod jew permezz ta' maniggi isarrfu ic-certifikati li kellhom. Skont kif anke irrizulta mill-istqarrija tal-imputat Alexey Eremichev, li hekk kif wasal il-Bank huwa kien talab li jkellem direttament lill-manager dwar dan id-dokument:

*"As we arrived to the bank I asked to speak to the manager and were asked whether we have any appointment. We reply that we do not have any appointment and asked that we needed to consult a Bank Official with regards to a financial document which we have in hand."*[6]

(d) Ghalkemm Lawrence Pace jghid li Alexey kien uza l-kelma "encash" meta dan kien qieghed jitkellem mieghu, irrizulta bic-car li kien hemm problema serja ta' komunikazzjoni bejn il-dirigenti tal-Bank, il-Pulizija u anke l-imputati. Shirinyan assolutament ma kienx jitkellem bl-Ingliz u l-Ingliz ta' Alexey ma kien Ingliz xejn. Dan ikkonfermatu kemm l-Ispettur Chetcuti in kontro-ezami[7] kif wkoll is-Surgent PS 710 Stephen Gulia li mar biex jesegwixxi l-arrest tal-imputati. Is-Surgent wkoll sostna li l-komunikazzjoni kienet diffikulta.[8]

Huwa ghalhekk li din il-Qorti issibha difficli biex tislet **prova cara u inekwivoka** li l-imputati riedu jaghmlu uzu minn dan id-dokument u li huma kienu konxji li dan id-dokument kien falz. Ghalhekk ma tistax tinstab htija ghal din l-ewwel imputazzjoni.

[6] Fol. 17 tal-process.
[7] Fol. 59 tal-process.
[8] Fol. 162 tal-process.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>**

**<u>Pussess ta' Oggett ghall-użu fit-twettiq ta' frodi</u>**

Fit-tieni imputazzjoni, l-imputati qeghdin jigu akkuzati bi ksur tal-artkolu 310BA tal-Kodici Kriminali u cioe li kellhom fil-pussess jew il-kontroll taghhom xi oggett ghall-uzu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Kif irrimarkat din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) vs Bessam Abdulhamid** (Kumpilazzjoni Numru 816/2015) deciza fit-tlieta (3) ta' Dicembru 2018, dan ir-reat kien gie introdott bl-Att XXIV tal-2014 u huwa mfassal kwazi kelma b'kelma fuq Sections 6 u 7 tal-Fraud Act, 2006. Il-Qorti ikkumentat li:

*"Fil-passat l-mens rea rikjesta li kellha tigi pruvata ai finijiet tal-artikolu 310BA(1) - li jirrispekja Section 6 - kienet dik l-intenzjoni generika li jsir att frawdolenti:*

*Section 6 makes it an offence for a person to possess or have under his control any article for use in the course of or in connection with any fraud. This wording draws on that of the existing law in section 25 of the Theft Act 1968 and section 24 of the Theft Act (Northern Ireland) 1969. (These provisions make it an offence for a person to "go equipped" to commit a burglary, theft or cheat, although they apply only when the offender is not at his place of abode.) The intention is to attract the case law on section 25, which has established that proof is required that the defendant had the article for the purpose or with the intention that it be*

*used in the course of or in connection with the offence, and that a general intention to commit fraud will suffice. In R v Ellames 60 Cr. App. R. 7 (CA), the court said that: "In our view, to establish an offence under s 25(1) the prosecution must prove that the defendant was in possession of the article, and intended the article to be used in the course of or in connection with some future burglary, theft or cheat. But it is not necessary to prove that he intended it to be used in the course of or in connection with any specific burglary, theft or cheat; it is enough to prove a general intention to use it for some burglary, theft or cheat; we think that this view is supported by the use of the word 'any' in s 25(1). Nor, in our view, is it necessary to prove that the defendant intended to use it himself; it will be enough to prove that he had it with him with the intention that it should be used by someone else."*

Illi l-Crown Prosecution Service toffri dawn in-noti spjegattivi: *There is no defence of "reasonable excuse". Those who are, in particular, properly in possession of or involved in the development of computer software or other items for use to test the security of computer or security systems must rely on their lack of intention that the items or programmes are "for use in the course of or in connection with any fraud." Prosecutors will be alert to such circumstances and the possible abuses.*

Qabel ma wiehed jidhol fid-dettal ta' din l-imputazzjoni *per se*, il-Qorti tinnota li minn analizi dettaljata tal-provi prodotti hareg bic-car li l-bearer certificates mad-daqqa ta' ghajn kien jidhru li ma kinux validi. Dan hareg minn diversi aspetti tax-xhieda:

(a) l-erba' bearer certificates kellhom l-istess serial number. Ma setax ikun li erba' bearer certificates differenti kien se jkollhom l-istess numru ta' riferenza taghhom;

(b) ma kien hemm l-ebda fattur ta' sigurta fil-karta u fil-linka li intuzat skont kif anke irrelata l-espert Ryan Caruana;

(c) il-haddiema tal-Lombard Bank senjatament Lawrence Pace u Joseph Said[9] mill-ewwel ghokrithom ghajnejhom dwar il-validita tad-dokument, tant wkoll li Joseph Said mill-ewwel ghamel kuntatt mal-Pulizija. Lawrence Pace jixhed li kemm hu kif wkoll Joseph Said hekk kif raw id-dokumenti mill-ewwel indunaw li d-dokument ma kienx wiehed validu. Skont kif anke irrizulta mix-xhieda dawn il-bearer bonds kienu ilhom li inqatghu ghall-aktar minn tletin sena, id-dokumenti kellhom logo pjuttost gdid li zgur li ma kienx jintuza tletin sena ilu, l-istess Bank qatt ma uza dak il-format li kellhom il-bearer bonds u l-firma fuq id-dokumenti ma kinitx tintgharaf;[10]

(d) mhux il-haddiema biss tal-Bank li huma involuti f'dan ix-xoghol izda anke l-istess Ufficjal Prosekutur Christabelle Chetcuti ghokritha ghajnejja mill-ewwel u kellha indikazzjoni li d-dokumenti setghu ma kinux validi. Dan peress li dawn kellhom kollha l-istess serial number;[11]

[9] Fol. 94 tal-process.
[10] Fol. 95 tal-process.
[11] Fol. 55 tal-process.

(e) ghalkemm fir-realta l-bearer certificate jista jigi traded u jsir hlas bih, jibqa' l-fatt li l-ammont indikat fl-istess bearer certificate kien ammont kbir li zgur li hadd m'hu sejjer jaccetta li jithallas bih minghajr ma dak li jkun jaghmel verifiki dwar il-veracita tal-istess dokument. Infatti meta Lawrence Pace gie mistoqsi mill-Qorti jekk *"recipjent meta qed nitkellmu fuq 1.5million jigifieri dan jista' jiehdu hekk minghajr ma jivverifika ma' xi Bank jew hekk ?"*,[12] it-twegiba ta' Lawrence Pace kien wahda skjetta: *"Ikun injorant."*[13] Din tkompli tafferma kemm *icto oculi* d-dokumenti in kwistjoni ma setghux jitqiesu validi;

(f) Fuq l-istess dokument kien numru ta' zbalji ortografici li kienu cari u li jissugerixxu li min irrediega d-dokumenti ma kienx xi hadd professjonali li jahdem f'ambjent ta' Bank;

Huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna li meta l-falsifikazzjoni tkun wahda li hija grossolana u din tkun jikkoncerna skrittura jew dokument privat ghall-kuntrarju ta' dokument pubbliku, tali grossolanita teskludi kompletament ir-reat ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti.[14]

Dan kollu jwassal ghall-konkluzjoni wahda: la darba l-kreazzjoni tal-bearer certificates ma setghetx titqies li tammonta ghall-reat ta' falsifikazzjoni ta' dokument ghax kien car li ictu oculi dawn id-dokumenti

[12] Fol. 96 tal-process.
[13] Ibid.
[14] Ara Rex vs Joseph Rizzo et deciza mill-Qorti Kriminali fl-1 ta' April 1943; Vol. XXXI, Pt iv, pagna 342; Rev vs Victoria Gauci deciza fid-9 ta' Dicembru 1943 mill-Qorti Kriminali; Il-Pulizija vs Charles Repbrun deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru 1945 u riprotata f' Vol. XXXII, pt iv, pagna 923; Rex vs Giuseppa Butttigieg deciza fil-25 ta' Mejju 1943 u riportata f'Vol. XXXI, pt iv pg 335.

assolutament ma kinux validi u qatt ma setghu jatghu xi impressjoni ta' validita, huwa kontro-sens li l-persuna li ghandha f'idejja dawn it-tip ta' dokumenti tigi punita ghas-semplici pussess ta' dawn id-dokumenti. Id-dokumenti minnhom infushom ma kinux tali li persuni setghu jigu iffrodati bihom ghax manifestament kien car li ma kinux validi. Ghalhekk din il-Qorti tqis li la kien jezisti l-element materjali tar-reat u wisq u wisq anqas l-element intenzjonali biex isir xi frodi. Din it-tieni imputazzjoni ghalhekk lanqas ma tirrizulta.

**<u>DECIDE:</u>**

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, il-Qorti **<u>mhix qieghda issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha li gew migjuba fil-konfront taghhom u ghalhekk qieghda tilliberahom mill-imsemmija akkuzi</u>**.

Minkejja pero' li l-imputati ma instabux hatja u in vista li fil-verbal tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju 2019 fejn gie iddikjarat li l-*bearer certificates* huma foloz, din il-Qorti qieghda tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-istess bearer certificates u l-kopji taghha markati bhala Dokumenti CC 18 u 19.

______________________________

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**